MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta ta' l-14 ta' Dicembru, 2006

Citazzjoni Numru. 418/2005

Kawza fil-lista: 34

**A B**
**vs**
**L-Avukat Dottor Richard Sladden u l-Prokuratur Legali Hilda Ellul Mercer bhala kuraturi ta' l-assenti C B**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz tieghu l-attur ippremetta u talab hekk:

Peress illi l-partijiet kienu dahlu f' relazzjoni fis-sena 1995 u frott ta' din ir-relazzjoni twieled il-minuri D fis-7 ta' Lulju 1996 (Dok. A);

Peress illi l-partijiet izzewgu fit-22 ta' Jannar 1999 (Dok. B);

Peress illi l-hajja konjugali bejn il-kontendenti saret impossibli minhabba adulterju minn naha tal-mara u minhabba abbandun mill-mara tant illi darba minnhom, l-attur kien anke mar jaghmel rapport fl-ghassa tal-Pulizija tal-Mosta (Dok C);

Peress illi l-mara harbet mill-pajjiz ma’ ragel iehor xi sena u nofs ilu, u halliet kemm lir-ragel kif ukoll lil binhom minuri D;

Peress illi ghal dawn ir-ragunijiet, l-attur talbet u ottjena awtorizzazzjoni mehtiega permezz ta’ digriet numru 1579/05 datat 1 ta’ Novembru 2005 li kopja tieghu qed tigi annessa u markata bhala Dok D;

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet premessi, tghid il-konvenuta ghaliex:

1. M’ ghandhiex tigi pronunzjata s-separazzjoni personali bejn il-konjugi A B u C B minhabba abbandun fil-konfront ta’ zewgha u binha minuri;

2. M’ ghandhomx jigu applikati kontra l-imsemmi konvenut l-effetti tad-disposizzjonijiet ta’ l-Artikoli 48, 50 u 51 tal-Kodici Civili, in toto jew in parte;

3. M’ ghandhiex tigi dikjarata xolta l-komunjoni ta’ akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti u tordna li l-istess oggetti formanti parti mill-komunjoni ta’ akkwisti jigu maqsuma f’ zewg porzjonijiet illi jigu assenjati, wahda lill-attur u l-ohra lill-istess konvenuta, occorrendo b’ opera ta’ perit nominat sabiex jillikwida l-istess komunjoni u billi jigi nominat nutar sabiex jillikwida l-istess komunjoni u billi jigi nominat nutar sabiex jircievi l-att relattiv u kuratur biex jirraprezenta lill-eventwali kontumacja fl-istess att.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiiet tal-kuraturi deputati li biha eccepew illi l-eccipjenti m’ humiex edotti mill-fatti tal-kaz u jirriservaw li jipprovdu l-eccezzjonijiet taghhom fi stadju ulterjuri, meta jikkomunikaw mal-konvenuta.

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-partijiet u l-listi tax-xhieda;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Ikkunsidrat;

Illi permezz ta' l-azzjoni odjerna l-attur qed jitlob is-separazzjoni personali minn ma' martu l-assenti C B in bazi ghal dak kontemplat fl-Artikoli 38 u 41 tal-Kap.16 imputabbli unikament lill-assenti.

Mill-provi jirrizulta provat li l-attur beda relazzjoni ma' l-assenti fis-sena 1995 u minn din ir-relazzjoni twieled tifel bl-isem D fis-7 ta' Lulju 1996. Il-partijiet eventwalment izzewwgu fit-22 ta' Jannar 1999.

Illi fis-sena 2003 l-assenti abbandunat lill-attur u lil binhom u siefret lejn it-Turkija. Minn dak in-nhar hija ma regghetx irritornat lura. L-attur jghid li huwa gie informat li l-assenti telqet ma' ragel iehor.

Il-Qorti tosserva li f' dan il-kaz jirrizulta car l-abbandun da parti ta' l-assenti fit-termini ta' l-Artikolu 41 tal-Kap.16 u halliet lill-attur flimkien mat-tifel. Jidher li ma kienx hemm raguni valida ghal dan l-abbandun, hlief li l-assenti ghamlet hbiberija ma ragel iehor ta' nazzjonalita' Torka.

Illi rigward l-adulterju l-Qorti tosserva li ghalkemm hemm indikazzjonijiet f' dan is-sens da parti ta' l-assenti, il-fatti f'dan ir-rigward ma jlahhqux il-livell ta' prova sodisfacenti skond il-ligi. Ghaldaqstant din il-kawzali ma tistax titqiex bhala provata, stante li hija bazata fuq detto del detto.

Dan premess u kkunsidrat l-ewwel talba attrici hija gustifikata fit-termini ta' l-Artikolu 41 da parti ta' l-assenti, u li minhabba f' hekk iz-zwieg bejn il-partijiet tfarrak irrevokabbilment. Dan ghandu jimporta d-dekadenza totali da parti ta' l-assenti, kif kontemplata fl-Artikolu 48 tal-Kap.16

Illi rigward it-tielet talba, il-Qorti tosserva li, fl-udjenza tat-28 ta’ Marzu 2006, l-attur iddikjara li ma hemmx assi fil-komunjoni ta’ l-akkwisti; izda jirrizulta li fis-26 ta’ Frar 2002 huwa kien xtara l-vettura tal-ghamla Renault Clio numru BBM 898 li giet imhallsa minnu permezz ta’ kambjali li fil-maggjoranza taghhom thallsu wara l-abbandun ta’ martu.

Ghal dawn il-motivi tiddecidi billi tilqa’ t-talbiet attrici kif ser jinghad:

[1] tiddikjara s-separazzjoni personali bejn il-konjugi A u C, B ghar-raguni kontemplata fl-Artikolu 41 tal-Kap.16 da parti ta’ l-assenti;

[2] tapplika, fil-konfront ta’ l-assenti C B, id-dispost ta’ l-Artikolu 48 fl-intier tieghu;

[3] tordna x-xoljiment tal-komunjoni ta’ l-akkwisti, u filwaqt li tiddikjara li l-assenti tilfet kull dritt ghal sehmha minn dawn l-assi, tassenja l-assi kollu ezistenti fil-komunjoni lill-attur; u ghalhekk sehem l-assenti mill-vettura fuq indikata qed jigi assenjat lill-attur, b’mod li din il-vettura tigi tappartjeni fl-intier taghha lill-istess attur.

L-ispejjez ghandhom jithallsu mill-assenti, izda dawk relattivi ghall-kuraturi deputati ghandhom jithallsu provizzorjament mill-attur.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------